Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10579 – PON HOLDINGS / AUTOHAUS ADELBERT MOLL / FLEXXDRIVE)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 193/05)

1. Fit-2 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Pon Holding Germany GmbH ("Pon Holding", il-Ġermanja), li tappartjeni għall-grupp Pon,

— Timm Moll (il-Ġermanja),

— Pon Luxury Cars GmbH ("PLC", il-Ġermanja), li tappartjeni għall-grupp Pon,

— Autohaus Adelbert Moll GmbH &KG ("Autohaus Moll", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Timm Moll,

— FlexxDrive GmbH ("FlexxDrive", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Timm Moll.

Pon Holding u Timm Moll jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' PLC, Autohaus Moll u FlexxDrive.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Il-grupp Pon jopera f'firxa wiesgħa ta' swieq, minn vetturi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali u roti għall-kostruzzjoni tat-toroq u magni li jċaqilqu l-ħamrija, ġeneraturi u soluzzjonijiet totali għall-industrija tat-tbaħħir,

— Timm Moll huwa persuna fiżika residenti f'Düsseldorf, il-Ġermanja. L-attivitajiet kummerċjali tiegħu jiffukaw fuq is-settur awtomobilistiku u huma kkonċentrati f'Autohaus Moll u FlexxDrive,

— PLC hija negozjant ta' tal-karozzi lussużi, ibbażata f'Cologne, il-Ġermanja,

— Autohaus Moll hija negozjant tal-karozzi ta' diversi marki tad-ditta bbażata fi u madwar Düsseldorf u Hannover, il-Ġermanja,

— FlexxDrive hija kumpanija attiva fin-negozju tal-kiri tal-karozzi għal żmien qasir fil-Ġermanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10579 – PON HOLDINGS / AUTOHAUS ADELBERT MOLL / FLEXXDRIVE

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË